MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 2159/1998/1

**Mary Anne Gauci nee` Fenech.**

**vs**

**Joseph Gauci.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fl-20 ta' Lulju 1985 kif jindika c-certifikat taz-zwieg anness bhala Dok. "A";

Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Gafa` fil-hmistax (15) ta' Gunju elf disa` mija u hamsa u disghin (1995);

Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-kontendenti li jaqdu l-obbligazzjonijiet esenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi l-kontendenti, ghalkemm mhux interdetti jew morda minn mohhhom ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

Illi minhabba r-ragunijiet premessi u minhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-**Att XXXVLI ta' l-1975 li Jirregola Z-zwigijiet**, iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effett fil-ligi.

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-
1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fl-20 ta' Lulju 1985 huwa null u bla effett fil-ligi *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (d), 19 (f) u 19 (h) ta' l-Att XXXVLI ta' l-1975**.

2. Tordna li din in-nullita` tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa` ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut tad-29 ta' Novembru 1999 a fol. 16 fejn gie eccepit:-

1. Illi jekk huwa minnu li hemm ragunijiet validi biex iz-zwieg celebrat bejnu u l-attrici jigi dikjarat null, dan mhux ghal ragunijiet attribwibbli lilu, kif ghandu jigi ppruvat waqt is-smigh tal-kawza;

2. Illi, fil-mertu, l-eccipjenti kien jaf x'inhuma, u fil-fatt wettaq, l-obbligi marbuta maz-zwieg, u ma kien jiddifetta mill-ebda fakolta' intelletwali u lanqas il-kunsens tieghu ma kien b'xi mod vizzjat, meta ghazel li jizzewweg lill-attrici;

3. Salvi eccezzjonijiet ohrajn.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 17 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma minn din il-Qorti kif diversament presjeduta datati 21 ta' Gunju 1999; 25 ta' Ottubru 1999; 24 ta' Jannar 2000 fejn giet nominata Dr. Carole Zammit Montebello bhala Perit Legali; tas-7 ta' Novembru 2000; ta' l-20 ta' Frar 2001; u tad-19 ta' Settembru 2001.

Rat in-nota ta' l-attrici ta' l-10 ta' Marzu 2000 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavits taghha stess, ta' Victor Fenech, ta' Grace Fenech, ta' Maria Fenech, ta' Marisa Genovese u ta' Carmel Micallef.

Rat l-avviz tas-27 ta' Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond. C. Pace;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma minn din il-Qorti kif presjeduta datati 13 ta' Gunju 2002; 24 ta' Ottubru 2002 fejn il-Qorti irrevokat l-inkarigu tal-Perit Legali u ordnatilha li tirritorna l-process; il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-9 ta' Jannar 2003; 9 ta' Jannar 2003 fejn il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza *stante* li l-process ma kienx gie ritornat; tat-30 ta' Jannar 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## LI. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-**attrici** fl-affidavit taghha stess tghid:-

*"Illi jiena lill-familja nhobbha hafna izda d-dar qatt ma kelli atmosfera ta' familja. L-ewwel nett ommi u missieri kienu stretti hafna mieghi u qatt ma kien hemm djalogu bejnietna, anzi bil-kuntrarju konna dejjem niggieldu. It-tieni nett missieri kien ihobb johrog mal-hbieb u jixrob u dejjem niftakar lil ommi tistennih wara t-tieqa u tibki ghax kien ihalliha wahedha. Kif kien jigi d-dar fis-sieghat bikrin ta' filghodu kont nismaghhom jiggieldu u kont nghamel hafna f'qalbi. Jien qatt ma kelli l-imhabba ta' missier li dejjem xtaqt. Qatt ma kilna flimkien u rari konna nohorgu flimkien bhala familja. Jiena kont imdejqa hafna d-dar u kelli genn sabiex nitlaq u nibda nghix hajja tieghi.*

*Illi meta kelli 14-il sena kont ridt nibda nohrog u hawnhekk inqala` inkwiet kbir mal-genituni tieghi. Jien xorta ghamilt ta' rasi u bdejt immur il-'Youth clubs' fir-Rabat ta' Sant' Agata u ta' Santu Wistin. Bdejt nirrexta u bis-sahha t'hekk bdejt indum aktar barra.*
*Illi jien bdejt norhog ma' Joseph u lil ommi m'ghedtilha b'xejn izda hija kien kixifni u qalilha li qeghda nohrog ma' wiehed bil-mustacci. Ommi kienet iltaqet mieghu u kienet qaltlu li jiena ghadni zghira wisq u li hu kbir wisq ghalija.*

*Illi jiena kont kuntenta li qeghda nohrog mieghu ghax kienet avventura fis-sens li bdejt nesperjenza xi tfisser tohrog ma' guvni u bis-sahha tieghu ommi kienet thallini indum aktar barra. Din l-avventura anki aljenatni mill-problemi tad-dar u ma bqajtx nghati aktar kaz x'kien jghamel missieri.*

*Illi f'Joseph jiena sibt il-missier li qatt ma kelli ghax kien jiehu hsiebi u nista` nghid li kien jittrattani ta' tifla.*

*Illi lil Joseph qatt ma habbejtu bhala gharus izda fih kont nara l-opporunita` li nitlaq mid-dar. F'Joseph kont nara t-triq ghall-liberta`.*

*Illi jiena u Joseph ma konna naqblu f'xejn ghax hu kien tip stramb hafna u jien dejjem mohhi biex nohrog mal-hbieb u niddeventi. Fil-fatt wara li kien jitlaq mid-dar kont nohrog nilghab ma' shabi girien u konna noqghodu nilghabu noli - dejjem nigru fit-triq. Kont ta' sikwiet nohrog maghhom ukoll minghajr Joseph. Wiehed minn dawn il-girien li kont nilghab maghhom kien Brian Sofia u jiena kelli grazzja kbira mieghu u konna migbudin hafna lejn xulxin. Bl-iskuza ta' hija kien jigi d-dar tieghi u kien joqghod mieghi.*

*Illi ommi u missieri dejjem kienu jghiduli li Joseph m'huwiex tajjeb ghaliha ghax konna wisq differenti. Izda jien kont ninsab f'sitwazzjani konvenjenti ghax bis-sahha tieghu, il-genituni tieghi bdew ituni aktar liberta' ghax minghalihom li issa li kont gharusa kont ser noqghod bil-ghaqal.*

*Illi ahna tgharrasna meta kelli 16-il sena u xtrajna dar meta lanqas biss kelli 16-il sena. Ghalkemm konna hadna dan il-pass jiena ma kontx nirrealizza r-responsabbilita' ta' dak li kont diehla fih ghax kont ghadni mohh ir-rih, mohh ta' tifla zghira. Kien mohhni biss fuq il-hbieb u biex niddeverti.*

*Illi meta Joseph kien qalli biex nizzewgu kienet ghogbitni l-ideja ghax fl-ahhar kont ser nitlaq mid-dar u kien ser ikolli il-liberta' kollha li ridt. Fl-immaturita` tieghi lil Joseph kont narah bhala dak il-missier li qatt ma kelli u li kien ser jiehu hsiebi. Qatt ma harist lejh bhala l-imhabba ta' hajti.*

*Illi kif izzewwigt jien hassejtni bhala ghasfur hareg minn gagga - fl-ahhar stajt nghamel li rrid. Ir-relazzjoni bejni u bejn Joseph baqghet l-istess, wahda ta' indifferenza ghax konna nghixu f'dinja separata - konna wisq diffenenti u ma ridniex l-istess affarijiet mill-hajja. Izda xorta wahda is-sitwazzjoni kienet ahjar milli kienet id-dar tal-genituri tieghi, ghax Joseph kien sar qisu missier ghalija. Kien jiehu hsieb kollox u kien ihallini fil-liberta`.*

*Illi fl-1988 jiena u Joseph morna gimgha Catania. Jiena kelli 21 sena. Waiter Taijan kien ittantani u kien sabni fil-'lift' u biesni. Minn hawn bdejna relazzjoni u jien organizzajt ruhi biex nibda nitla` ma' missieri nixtri il--merkanzija biex fl-istess hin niltaqa` mat-Taljan. Darba minnhom giet habiba tieghi gurnata mieghi Sqallija u ndunat b'xi haga u kif giet Malta marret tghid b'kollox lil Joseph. Ir-ragel tieghi kien irrabja hafna u minn dakinhar l-affarijiet aktar bdew imorru ghall-aghar.*

*Illi sadanittant, ghalkemm l-affarijiet ma kenux sejrin tajjeb jiena xorta wahda xtaqt li jkolli tarbija u wara hafna nippruvaw u wara li ghamilna xi 'tests' it-Tabib kien qalilna li Joseph kellu 'sperm count' baxx u ghalhekk ma stajtx ninqabad tqila. Kif sirt naf hekk jien nidt nitilqu izda bzajt mir-reazzjonijiet tal-familja tieghi u tieghu. Bdejna nghixu hajja separata. Bdejna ninbidlu u rari konna nersqu lejn xulxin.*

*Illi jien kont niftah qalbi ma' Marisa Genovese, li kienet habiba tal-qalb tieghi. Kont nghidilha li mdejqa u li xtaqt nitlaq lil Joseph. Bdejt nistudja l-Computer u l-Franciz u ghamilt 'course' l-ITS fil-granet liberi mix-xoghol. Biddilt ix-xoghol u bdejt nahdem bhala receptionist f'lukanda. Kelli karozza u bdejt nghix il--hajja tieghi u nohrog wahdi. Il-hajja matrimonjali kienet spiccat qabel ma qatt bdiet.*

*Illi lil Joseph qatt ma habbejtu bhala ragel tieghi izda aktar bhala missier li qatt ma kelli u dan jien kont nghidulu. Izda Joseph ried jahrab mim-realta` u kien jilghabni biex ma nitilqux wahdu bhal kelb tal-kacca. Tant kont imdejqa li kont sirt 45 kilos ghax ma kontx niekol izda impejjep biss.*

*Illi jien beda jkolli hafna relazzjonijiet sesswali ma` rgiel differenti mhux ghax inhobbhom izda ghall-avventuna. Ma kont niehu l-ebda prekawzjoni ghax dejjem ridt ninqabad tqila, il-missier ikun min ikun, l-aqwa li jkolli tarbija. Jien kont sfrattajt u kont qeghda nghix hajja mahmuga. Il-kelma griet u l-irgiel dejjem jigru warajja.*

*Illi darba minnhom gejt f'sensija u ddecidejt li nieqaf din il-hajja u nitlaq lil Joseph u hekk ghamilt. Tlaqt mid-dar u mort nghix ghand ommi. Wara xi xahar kont iltqajt ma' Taljan, Gianni Sebastiano u meta sar jaf missieri kien keccieni mid-dar.*

*Illi jien mort noqghad go flat ma' Gianni u llum hu r-ragel ta' hajti. Gianni tani l-imhabba li jien kelli bzonn. Ghamilni mama` u omm. Ma' Gianni nitkellmu fuq kollox, niffrontaw il-problemi flimkien, qisna haga wahda u bejnietna m'hemmx sigrieti. Ilum jiena u Gianni ghanda tifel."*

Illi minbarra x-xhieda tal-attrici hemm ix-xhieda, wkoll bl-affidavits ta' Victor Fenech li kkonferma kwazi dak kollu li qalet l-attrici, hlief li ma tkellem xejn dwar dak li qalet fuqu l-attrici nnifisha; l-istess ghamlet omm l-attrici Grace Fenech fl-affidavit taghha, iktar fid-dettal, li enfasizzaw li kellhom sikkatura mal-attrici meta din kienet id-dar u kien ghalhekk skond huma li zzewget zghira ta' 18-il sena; lanqas f'dan il-kaz il-problemi li kien hemm id-dar ma jissemmewx mix-xhieda. Hemm ix-xhieda ta' Maria Grech, habiba tax-xoghol taghha f'affidavit datat 10 ta' Marzu 2000, u x-xhieda ta' Marisa Genevose, li kienet girien taghha, fejn enfasizzat ix-xewqa ta' l-attrici li jkollha t-tfal u li kienet semmiet xi problema f'dan ir-rigward dwar il-konvenut; sostniet li taf li l-attrici kellha relazzjonijiet extra maritali ma' rgiel ohra sakemm telqet lil zewgha, u qabdet relazzjoni ma' ragel iehor li minnu llum ghandha tifel u tghix mieghu.

Illi hemm ix-xhieda wkoll ta' Carmel Micallef, kugin tal-attrici li x-xhieda tieghu kienet koncentrata sabiex qal li l-attrici u l-konvenut kellhom ghal kollox karattru differenti u ma kienux jaqblu u wkoll li kollox kienet taghmel kif riedet hija l-attrici, ghaliex l-konvenut kien ragel kwiet u hija kienet ghadha tifla.

Illi l-konvenut xehed fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2002 quddiem l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Carole Zammit Montebello, fejn qal li huwa kellu raguni ghaliex jitlaq mid-dar u dan peress li maghhom kienet tghix ukoll ohthom il-kbira li kellha problemi ma' zewgha peress li kien jisker;

qabel iz-zwieg pero' huwa spicca bla xoghol, ried jipposponi z-zwieg, pero' l-attrici kienet riedet tizzewweg bilfors.

Illi huwa kien induna, anke meta dahal id-dar ta' l-attrici, li hija ma kenitx kuntenta d-dar u kellha problemi ta' kommunikazzjoni mal-genituri taghha specjalment ma' missierha; illi l-konvenut jindika li huwa kien kbir sew iktar minnha ghaliex meta zzewgu huwa kellu disgha u ghoxrin (29) sena meta hija kellha biss tmintax (18)-il sena u kien beda johrog maghha meta hija kellha biss erbatax (14)-il sena, u jghid li kienet tifla, u fil-fatt tifla kienet. Induna li l-attrici kienet tarah bhala *'father figure';* jaf li l-attrici kellha relazzjonijiet extra maritali minhabba li ma kellhomx tfal minhabba sahhtu.

## ii) <u>PRINCIPJI LEGALI.</u>

Illi l-attrici fil-premessi taghha tghid illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha u z-zwieg kien vizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u l-kunsens ta' wahda mill-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga; u/jew wahda mill-partijiet ma kellhiex, fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Illi dawn it-tliet premessi huma kkontemplati fl-**artikolu 19 (1) (d), (f) u (h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cjoe` **l-Att dwar iz-Zwieg.**

Illi dan l-artikolu jghid illi:-

*19. (1) B' zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

*(a) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza';*

*(b) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun eskluz minhabba zball fuq l-identita` tal-parti l-ohra;*

*(c) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b' qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

*(e) jekk xi wahda mill-partijiet tkun impotenti, sew jekk dik l-impotenza tkun assoluta jew relattiva, izda biss jekk dik l-impotenza tkun tezisti qabel iz-zwieg;*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;*

*(g) jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur;*

*(h) jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida b' mohha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.*

*(2) Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att, azzjoni ghall-annullament ta' zwieg tista' tinbeda biss minn wahda mill-partijiet f' dak iz-zwieg, u din id-dispozizzjoni tapplika wkoll jekk dik il-parti tkun inkapaci, taht xi dispozizzjoni ta' ligi, li tharrek jew tigi mharrka, u f' xi kaz bhal dan l-azzjoni tista' tinbeda minn dik il-parti minkejja dik l-inkapacita`, bla hsara ghall-ghajnuna jew kondizzjoni ohra li l-Qorti*

*jidhrilha xierqa u tordna. Meta azzjoni tkun inbdiet minn parti fi zwieg, l-azzjoni tista' titkompla minn kull wiehed mill-werrieta.*

Illi l-**artikolu 19 (1)(d)** jghid:-

*19. (1) B' zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (Ara f'dan is-sens **"Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana"** – P.A. (VDG) deciza fil-25 ta' Mejju, 1995).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicli* hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista ***Colagiovanni:***

"*Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" … … … richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che … … … si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita*" (**Forum**, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).

Illi pero`, kif gia inghad, b' immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza "*non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed*

*esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena*" (***Pompedda, M.F.,*** **Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski – Pompedda – Zagglia, Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico** (Padova, 1984), p. 46).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:

"*La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)*" (***Bersini, F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale** (Torino, 1994), p. 97).

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:

"*Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio*" (ibid. pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli:

"*… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un'*

*affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole*" (***Pompedda, M.F.,*** **Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi biex tikkonkludi fuq din it-tema, il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti esposizzjoni ta' ***Viladrich****:*

"*Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" **(*Viladrich, P.J.,* Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-**dritt kanoniku (Can. 1095[3])** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda impossibbilta` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilta` vera f' dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifika fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` "*di*

*intendere e/o di volere*". "*L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale*", jghid Bersini, "*rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso*" (op. Cit., p. 99).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u invarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" *(**Viladrich, P.J.,** op. Cit., p. 687).*

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frasi "*eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif mgharuf ukoll bhala simulazzjoni totaLi, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazjoni totali jrid jigi ippruvat li-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech nomine".** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u internament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala "meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorispondux ghall-kunsens intern Li jkun inghata". Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech" (**P.A.14 ta' Awissu1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera Li qed jghati l-kunsens matrimonjali izda ikun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie insenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **"Francesco Theuma vs Liugi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol.X p.912) :-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'.*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci jghati il-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel ma' l-istess definizzjoni u fil-fatt wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19(1) (f)** trid issir distinzjoni

cara bejn zwieg Li jfalli minhabba cirkostanzi Li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg Li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet Li jghatu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg.

Illi ghal dak li jolqot il-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga",* u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A.(NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala Li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilta' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied.* L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"Consortium Vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cioe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilta` tal-familja. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"Consortium Vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi Li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indissolubbilta' taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresuponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indissolubbilta' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, **J. Edwards Hudson** (op.cit p164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the*

*understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, **D.J. Burns,** fli-kummentarju tieghu (D.J. Burns, **Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary.** Pg.151) jghid Li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubilita') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi l-ahhar raguni li ingabhet ghat-talba ghal tali annullament hija dik abbazi tal-**artikolu 19 (1) (h) tal-Kap 255** li jipprovdi li:-

*(h) jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida b' mohhha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.*

**iii) <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta car li hemm qabza sostanzjali bejn l-eta' tal-partijiet fil-kawza fejn il-konvenut kien ghaxar (10) snin ikbar mill-attrici, u dan huwa iktar sinfikattiv meta wiehed jirrealizza li l-attrici bdiet tohrog mal-konvenut meta hija kelha biss (erbatax) 14-il sena u zzewget meta kellha biss tmintax (18)-il sena.

Illi konsistentement gie ppruvat mix-xhieda li l-attrici jidher li ghamlet minn kollox sabiex tuza lill-konvenut sabiex tizzewgu halli tohrog mid-dar, kemm minhabba dak li hija sejhet bhala sikkatura tal-genituri taghha, u kif ukoll, haga li semmiet hija biss, izda fl-opinjoni ta' din il-Qorti hija iktar kredibbli u sinifikanti, l-fatt li fl-istess dar kien hemm

problemi serji, u dan minhabba l-agir ta’ missierha li kien johrog mal-hbieb u jixrob, u dan wassal sabiex l-istess attrici telghet distakkata minn missierha u riedet li titlaq mid-dar.
Illi fil-fatt hekk ghamlet u lill-konvenut kienet thares lejh bhala s-sostitut ta’ missierha, u jidher li ma kellha l-ebda element ta’ mhabba konjugali lejh, tant li l-kuncett ta’ fedelta’ ma kienx wiehed li hija kienet tapprezza u tifhem; fil-fatt fil-hajja matrimonjali hija kellha, kif ghad ghandha diversi relazzjonijiet extra-maritali, u hija tammetti li dawn mhux kienet tahrab minnhom izda adirittura tfittixhom; s-sitwazzjoni kompliet tiggrava meta l-istess attrici, *nonostante* li ma kienitx thobb lill-konvenut xtaqet li jkollha tfal minnu, izda minhabba xi problemi fizici dan ma avverax ruhu, u allura s-soluzzjoni taghha kienet li tipprova jkollha relazzjonijiet ma’ rgiel differenti, kollox kif qalet hija, l-importanti ghaliha li tinqabad tqila; dan sakemm iltaqet mal-persuna li hija qed tghix maghhha llum li mieghu ghandha tifel.

Illi xi fisser dan kollu? Ghall-Qorti jfisser li fil-kuntest ta’ l-azzjoni attrici hija dahlet ghal dan iz-zwieg meta kienet ghada tifla, u bil-mod kif progressaw l-affarijiet jidher li l-istess attrici qatt ma setghet ikollha d-diskrezzjoni necessarja sabiex taghti kunsens validu taz-zwieg f’dak il-perjodu ta’ hajjitha tant li hija kienet immatura wisq fis-sens li ma kenitx kapaci la tifhem u wisq inqas tapprezza r-responsabbiltajiet ta’ mara mizzewga, il-kuncett ta’ fedelta’ u komunjoni ta’ mhabba u hajja bejnha u s-sieheb taghha ghaliha l-istess zwieg kien biss mezz sabiex tehles mill-hajja tad-dar taghha, u ghalhekk irrelegat l-istess zwieg bhala ghodda sabiex takkwista dak li trid u xejn izjed.

Illi fl-istess waqt mill-komportament ta’ l-attrici kemm qabel u kemm wara z-zwieg hija tidher li eskludiet *a priori* certi elementi essenzjali taz-zwieg bhal fedelta’ lejn zewgha, u jidher li l-istess attrici lanqas biss qatt stmat dan il-virtu’ u dejjem rat kif hija taghmel dak li trid ma’ min trid, u dan accetwa ruhu meta mal-kontendenti ma setax ikollhom tfal.  Din ta’ l-ulied kienet xewqa ta’ l-attrici, izda mhux ghax kienet thobb lill-konvenut, li dan hija stess eskludietu

kategorikament, izda sabiex tissodisfa l-istint matern taghha ta’ mara. Kif rat li dan ma kienx possibbli fittxet li jkollha tarbija minghand min ikun. Fl-ahharnett indunat li dan ma kienx sew u lanqas kien verament jixraqlu hekk il-konvenut, u allura telqet mid-dar, sakemm kellha r-relazzjoni extra-maritali li ghandha llum ma’ ragel iehor, li mieghu kellha wkoll tifel.

Illi ghalhekk jidher li abbazi tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha abbazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta,** u dan ghar-ragunijiet imputabbli lill-attrici.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u dan inkwantu biss l-istess jikkontrastaw ma’ dak hawn deciz, u **tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fl-20 ta’ Lulju 1985 huwa null u bla effett fil-ligi *ai termini* ta’ l-**artikolu 19 (d) u 19 (f) ta’ l-Att XXXVII ta’ l-1975**.

2. Tordna li din in-nullita` tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------